32006D0097

16.2.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 46/31

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Frar 2006

## li taħtar membru Ġermaniż tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2006/97/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/758/KE tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 [1],

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata mill-Gvern Ġermaniż,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

Post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Alfred GEISSLER, li dwarha l-Kunsill kien informat fid-19 ta' Lulju 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Wilfried Woller huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew minflok is-Sur Alfred GEISSLER għall-bqija tal-mandat tiegħu, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2006.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieħu effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Frar 2006.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
K.-H. GRASSER

---

[1] ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.